III

(Atti oħrajn)

ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 1/2012

tal-10 ta' Frar 2012

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u partikolarment l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tal-Ftehim ġie emendat mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 124/2011 tat-2 ta' Diċembru 2011 [1].

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1033/2010 tal-15 ta' Novembru 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1505/2006 fir-rigward tar-rapporti annwali tal-Istati Membri dwar ir-riżultati tal-kontrolli li jitwettqu fir-rigward tal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali ovini u kaprini [2] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 189/2011 tal-25 ta' Frar 2011 li jemenda l-Annessi VII u IX tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered [3] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(4) Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għall-Islanda fuq il-perjodu tranżitorju speċifikat fil-paragrafu 2 tal-Parti Introduttorja tal-Kapitolu I tal-Anness I għall-oqsma li ma kinux japplikaw għall-Islanda qabel ir-reviżjoni ta' dan il-Kapitolu permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 133/2007 tas-26 ta' Ottubru 2007 [4].

(5) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni li tolqot kwistjonijiet veterinarji. Il-leġiżlazzjoni li tolqot kwistjonijiet veterinarji ma tapplikax għall-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tiġi estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-adattazzjonijiet settorjali għall-Anness I. Għalhekk, din id-Deċiżjoni ma tapplikax għal-Liechtenstein,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Dan li ġej għandu jiżdied fil-punt 131 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1505/2006) fil-Parti 1.2:

", kif emendat permezz ta':

— **32010 R 1033**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1033/2010 tat-15 ta' Novembru 2010 (ĠU L 298, 16.11.2010, p. 5)."

2. L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 12 (ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) fil-Parti 7.1:

"— **32011 R 0189**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 189/2011 tal-25 ta' Frar 2011 (ĠU L 53, 26.2.2011, p. 56)."

3. It-test tal-adattament H fil-punt 12 (ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill) fil-Parti 7.1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Fl-Anness IX, Kapitolu D, Taqsima B, punt d), dan li ġej għandu jiżdied wara l-kliem 'ddestinat għal Stat Membru elenkat fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 546/2006,':

'jew iddestinat għan-Norveġja,' "

[1] ĠU L 76, 15.3.2012, p. 3.
[2] ĠU L 298, 16.11.2010, p. 5.
[3] ĠU L 53, 26.2.2011, p. 56.
[4] ĠU L 100, 10.4.2008, p. 27.

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti (UE) Nru 1033/2010 u (UE) Nru 189/2011 fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Frar 2012, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Frar 2012.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

L-Aġent President

Gianluca GRIPPA

(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.